

# Il-Mitħna l-Qadima tal-Mosta

JOHN A. SANT B.A. (Gen.)

L-għan ewlieni ta' din il-kitba hu li nġibu għall-attenzjoni tal-qarrejja ta' dan l-Annwal u l-aktar tar-residenti Mostin, is-sunett Petrarkjan ta' Patri Mattew Sultana, miktub madwar erbgħin sena ilu imma li għadu jgħodd sal-lum u li għandu bħala suġġett sewwa sew il-Mitħna l-Qadima tal-Mosta. Magħrufa bħala l-mitħna l-qadima għax hi l-eqdem fost erba' mtieħen tar-riħ li kien hawn fil-Mosta fl-imgħoddi.

Ladarba qegħdin nirriproduċu s-sunett ma nagħmlux ħażin li nieħdu l-okkażjoni biex nagħtu wkoll xi informazzjoni storika dwar il-mitħna, dwar iċ-ċimiterju li jissemma' fis-sunett, u fl-aħħar nett dwar l-istess kittieb tas-sunett.

## Il-Mitħna

Nibdew bil-mitħna tar-riħ. Fuq il-bieb ewlieni tagħha tidher l-arma tal-Granmastru Gregorio Carafa (1680-1690), Taljan (fi żmienu l-Berġa ta' l-Italja nbniet mill-ġdid). L-arma ma tħallix dubju li oriġinarjament il-mitħna nbniet mill-Ordni Ġerosolmitan ta' San Ġwann u għalhekk hija waħda mill-ftit tifkiriet li hawn fil-Mosta ta' żmien l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.



Kemm ikun għaqli, mela, jekk u malli ċ-ċirkustanzi jippermettu, l-awtoritajiet jirrestawraw u jirriabilitaw din il-mitħna. Il-mitħna kif nafuha llum inbniet fl-1757 bl-isem ta' 'Ġesù Nazzarenu' fi żmien il-Kummissarju Don Garcia waqt li Francesco Zerafa ħażżeż il-pjanta tagħha, l-imgħallem li bniha kien ċertu Mastru Nikola Camilleri mis-Siġġiewi.

Fl-1925 ma baqgħetx taħdem għax il-qamħ kien beda jintaħan bil-magni. Daqs tliet snin wara (1928) għamel riefnu qawwi li b'saħħtu qaċċat l-antenni tagħha u minn dak in-nhar sfat tifkira siekta ta' żminijiet oħra.

## Iċ-ċimiterju

Nagħtu issa xi tagħrif dwar iċ-ċimiterju. Nifhmu li ċ-ċimiterju li hemm riferenza għalih fl-ewwel terzina tas-sunett huwa dak relattivament ġdid, imbierek fil-5 ta' Awissu, 1837, wara li l-art tiegħu nkisbet mingħand il-Gvern Kolonjali. Dan hu ċ-ċimiterju attwali tal-parroċċa. F'nofs is-snin sebgħin (1975-76), jiġifieri snin wara li nkiteb is-sunett, tkabbar u sarlu tibdil ieħor. Fil-frattemp, meta spiċċa id-dfin fil-kannierja taħt ir-Rotunda, għal xi żmien id-dfin kellu jsir fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.

Iċ-ċimiterju l-antik, mhux ħafna bogħod mill-attwali u għalhekk l-anqas wisq bogħod mill-mitħna, kien ilu ħafna żmien ma jintużax u meta twesset it-triq (1980) parti ittieħdet mill-istess triq u l-bqija twittiet u saret tifforma biċċa minn għalqa hekk li llum baqgħet tidher biss parti mill-ħajt ta' wara ta' dan iċ-ċimiterju.

## Patri Mattew Sultana (1918-1986)

Vincenzo, bin Mattew u Marija mwielda Sultana (wkoll), twieled ix-Xagħra, Għawdex. Fl-1934 ingħaqad ma' l-Ordni Franġiskan tal-Kapuċċini u ġie ordna saċerdot fl-1942 wara li temm kors fil-filosofija u t-teoloġija. Barra milli għallem it-Taljan u l-Latin fil-kulleġġ ta' l-Ordni tiegħu, qatta' sbatax-il sena sħaħ kappillan ta' l-isptar. Fl-1964 daħal mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jgħallem il-Malti u r-Reliġjon.

Fl-1951 ippubblika *Il-Ħajja tal-Patriarka San Franġisk t'Assisi* u fl-1958 *Il-Faqar ta' Ġesù Bambin u l-Leġġenda ta' l-Għasfur*. Barra minn żewġ ġabriet oħra ta' poeżija kiteb ukoll ir-rumanz *Destin ta' Mħabba* (1959). Miet fis-7 ta' Frar 1986.

### *Il-Mitħna l-Qadima ta' ħdejn iċ-ċimiterju tal-Mosta*

*Nitħassrek, mill-Mostin arak minsija,*
*Bl-istwieli[1] mqaċċta u l-fus tan-nofs maqlugħ;*
*Insewhom il-Mostin is-snin mgħoddija?*
*Insewh għal kollox żmien il-għaks u l-ġuħ?*

*M'għadhomx mill-andar[2] jiġu ħdejk b'tagħbija,*
*Fuq dahar iż-żiemel, xkejjer ġwież u qmuħ;*
*Naħseb il-lum ġo qalbek tgħid: "X'kefrija!"*
*Tar'hom band'oħra l-qamħ sejrin jitħnuh.*

*'Ma f'dak is-skiet, ma' ġenb iċ-Ċimiterju,*
*Għalxejn trid kieku tifhem il-bnedmin*
*Għax il-fehmiet tan-nies jibqgħu misterju.*

*Oqgħod immela strieħ, tagħlix, u stabar,*
*Ladarba xjaħt ma jgħoddx għalik it-tħin;*
*Tinsiex li ftit bogħod minnek hemm mitt qabar.*

1 Stural (plural stwieli) huwa arblu bħal serratizz fit-tond imwaqqaf f'nofs il-mitħna u mqabbad sew mal-fus tar-rota l-kbira kif ukoll mal-miġbed.
2 Andar hija qiegħa, jiġifieri roqgħa art fl-għalqa, imballta biex fuqha jista' jitferrex u jindires il-qamħ, eċċ.

Riferenzi

Vella, E.B. et. al. (1972): *Storja tal-Mosta*, Malta.
Borg, J, & Sant, J.A. (1998): *It-Toroq tal-Mosta*, Malta.
Guillaumier, A. ( ): *Bliet u Rħula Maltin*, Malta.
Schiavone, M.J. & Scerri, L.J. (1997): *Maltese Biographies of the 20th Century*, Malta.